# Il-ħamba



minn **Franco Debono**
www.francodebono.info

Id-dilemma Platonika espressa minn Sokrate fir-*Repubblika*, dwar min se jgħasses lill-gwardjani nfushom, tibqa' tema ċentrali, f'forom differenti, matul iż-żmien, fil-ħsibijiet dwar il-politika, il-moralità, il-kontabbiltà u t-trasparenza.

Skont Platun, l-aqwa fost l-għassiesa kellhom jingħażlu bħala l-mexxejja tas-*city state* iżda l-mistoqsija kienet tqum, min se jgħasses lil dawk li se jkunu qed jipproteġu lill-poplu, għaliex billi huma wkoll bnedmin huma wkoll suġġetti għall-iżball.

Mekkaniżmi politiċi, bħas-separazzjoni tal-poteri u s-saltna taddritt flimkien ma' miżuri legali speċifiċi, jindirizzaw din id-dilemma, anke jekk biss parzjalment.

Il-ħajja, kif qal Oscar Wilde, timita l-arti aktar milli l-arti timita lill-ħajja. U d-dilemma li semmejt, kif ukoll it-temi tar-rivoluzzjoni, ir-riformi, tal-awtorità u l-leġittimità, tal-liġi jew l-anarkija, tad-demokrazija, l-ugwaljanza u r-rappreżentanza kienu trattati f'silta drama intitolata *Il-Ħamba*, imtella' abbilment mill-istudenti u għalliema tal-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop, f'Jum il-Premjazzjoni. Silta mnebbħa minn u bbażata fuq ir-rumanz ċelebri ta' George Orwell *Ir-Razzett tal-Bhejjem*, u tant rilevanti għall-avvenimenti storiċi fil-kontinent Afrikan u l-Baħar Mediterran.

Ċentrali mhux biss għal din issilta, iżda wkoll għall-mixja u l-istorja tal-bniedem u l-kundizzjoni umana hi l-karba ta' majjal xiħ, parti interpretata abbilment mill-għalliem tad-drama: "X'ħajja qed ngħixu?"

Hi din il-mistoqsija ta' dejjem li l-bniedem jistaqsi lilu nnifsu u li timbuttah jimxi 'l quddiem u jtejjeb il-kundizzjoni tiegħu. Hi din il-mistoqsija l-katalist ta' tant żviluppi, avanzi u skoperti.

Hi l-mistoqsija li twassal lill-bniedem f'ċirkustanzi straordinarji jirribella kontra min ikun qed jopprimih, jew inkella b'mod anqas drastiku jew radikali jibdel u jtejjeb il-metodi jew is-sistemi tiegħu.

Il-Kulleġġ San Benedittu wkoll għadu kif għadda minn riforma estensiva, billi hu l-ewwel Kulleġġ fejn diġà kienet implimentata r-riforma edukattiva li qed tara t-tneħħija tal-*istreaming* u s-sostituzzjoni tagħha bi proċess ta' *setting*.

Riforma li tassigura l-valorizzazzjoni tat-talenti kollha u mhux biss dawk akkademiċi u tippermetti li tfal b'kapaċitajiet differenti jaqsmu l-ħiliet tagħhom ma' xulxin filwaqt li jitgħallmu wkoll minn xulxin, biex b'hekk jiffurmaw u jikkultivaw l-aspetti kollha tal-personalità tagħhom.

Il-proċess edukattiv li jnissel mistoqsijiet fl-adoloxxent u fl-istess waqt it-tagħlim, l-informazzjoni u r-riċerka huma ċ-ċavetta għat-tweġibiet. Dawn l-istudenti huma l-mexxejja tas-soċjetà ta' għada. Studenti li permezz tal-espressjoni u l-isvog tal-identità ta' kull wieħed minnhom jimirħu fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, jistaqsu fid-diversi oqsma ta' speċjalizzazzjoni , u jfittxu li bir-risposti tagħhom, jibnu fuq ta' qabilhom, ħoloq oħra, fil-kullana tal-mixja tal-bniedem biex isib il-milja tiegħu.`

Fix-xjenza u t-teknoloġija, fil-filosofija u l-arti u l-kultura, fil-liġi u l-politika, fil-kimika u l-mediċina, il-bniedem jibqa' jistaqsi: x'ħajja qed ngħixu?

Mistoqsija li fuq livelli u dimensjonijiet varji u tant differenti twassal għal bidliet skont iċ-ċirkustanzi. F'demokraziji f'saħħithom, is-sistema jkollha bżonn kontinwament tkun sostnuta, aġġornata u msaħħa u għaldaqstant ikollok il-kambjamenti kontinwi, mingħajr skossi, bidliet mhux biss fil-qasam politiku, iżda wkoll fl-oqsma soċjali, edukattivi, ekonomiċi u finanzjarji. Id-demokrazija hi sistema ħajja.

Iżda jkollok imbagħad kif qed naraw qribna rivoluzzjonijiet fuq skala kbira. Iżda r-rivoluzzjoni li tħeżżeż u tkeċċi dittatorjat ma tiswa xejn jekk ma twassalx għall-istabbiliment ta' sistema politika u legali demokratika, bbażata fuq l-eżerċizzju leġittimu tal-poter, l-ugwaljanza, ir-rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u mekkaniżmi li jassiguraw li l-istituzzjonijiet ikunu sostnuti. Il-bniedem jista' jkun ħieles biss billi jkun serv tal-liġi.

Ir-rivolta li tiegħed, tħeżżeż u tkeċċi tirannija jew dittatorjat ma tiswa xejn jekk ma twassalx għal tranżizzjoni li tikkulmina fit-twaqqif ta' istituzzjonijiet sostenibbli flimkien mal-mekkaniżmi ta' kontroll li jissodisfaw id-domanda Platonika: "Min se jgħasses lill-għassiesa nfushom?"

Il-ħamba tal-battalja għandha tkun tradotta f'qafas kostituzzjonali u politiku f'saħħtu li jassigura sa fejn possibbli u jħares mir-rigress u deġenerazzjoni tal-libertajiet akkwistati.

Meta l-ħamba tal-battalja tieqaf tidwi, tfeġġ id-dilemma: issa, min se jgħasses lill-għassiesa?




**"JOSEPH, TANT TFAKKARNI F'MINTOFF!"**
**— Mary Spiteri (Il-Birgu, 30 ta' Marzu, 2011)**

media•link COMMUNICATIONS
radio 101 il-mument IN-NAZZJON informa maltarightnow.com